MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

Rikors Numru 13/2011

**Joseph Camilleri, Carmelo Camilleri u Clement Camilleri**

**vs**

**Gaetana Farrugia u, permezz ta’ digriet datat 3 ta’ Lulju 2013, l-atti gew assunti minn Vincent Farrugia (ID 497120M), Carmen Attard, Kate Cachia, Maria Ciappara, Joseph Farrugia, Jane Gili, Saviour Farrugia, Betty Camilleri, Anthony Farrugia, Doris Abdilla u Anna Camilleri, lkoll eredi ta’ Gaetana Farrugia, wara il-mewt taghha u, permezz ta’ digriet data 18 ta’ Dicembru 2014, l-atti ta’ Vincent Farrugia gew assunti minn Carmen Attard (ID 588647M), Kate Cachia, Maria Ciappara, Joseph Farrugia, Jane Gili, Saviour Farrugia, Betty Camilleri, Anthony Farrugia, Doris Abdilla u Anna Camilleri, lkoll eredi ta’ Vincent Farrugia, wara il-mewt tieghu.**

Illum 30 ta’ Novembru 2016

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fis 7 ta' Ottubru 2011 fejn ir-rikorrenti stqarrew illi hija iqabblu lill-intimata bicca art maghrufa bhala 'Tan-Nigret sive l-Macina', fil-limiti taz-Zurrieq, u dana versu qbiela ta' €16.30 fis-sena.

Ir-rikorrenti sahqu illi, matul is-sentejn li ghaddew, l-intimata naqqset milli ssewwi jew izzomm fi stat tajjeb il-hitan tar-raba, naqqset milli thares il-kundizzjonijiet tal-kirja li tiehu hsieb ir-raba sew kif ukoll illi, deliberatament, jew bi traskuragni, ikkagunat jew halliet lill haddiehor jikkaguna hsara li m'hix ta' importanza zghira f'sigar tal-frott fir-raba.

Ghalhekk talbu lill Bord jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu lura pussess ta' l-art meritu tal-kawza odjerna a tenur tal-Artikolu 4 (1) u 4 (2)(f) tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba'.

Rat ir-risposta ta' l-intimata ippresentat fl-1 ta' Marzu 2012 fejn eccepiet illi t-talbiet rikorrenti kellhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt peress illi huma bbazati fuq allegazzjonijiet inveritjeri filwaqt illi sahqet illi l-intimati ilhom zmien twil jippruvaw jiehdu l-art lura, kemm b'mod legal kif ukoll b'mod illegali.

Ra l-affidavits ta' **Joseph Camilleri**, **Carmelo Camilleri**, **Clement Camilleri** u **Philip Camilleri** ippresentati fl-24 ta' Ottubru 2012.

Sema x-xhieda ta' **Carmelo Briffa**, rappresentant tad-Dipartiment tal-Agrikultura, moghtija fl-14 ta' Novembru 2013.

Ra illi fis-26 ta' Marzu 2014 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Sema x-xhieda ta' **Joseph Farrugia** moghtija fit-28 ta' Mejju 2014 u fl-24 ta' Settembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra l-affidavit ta' **Alfio Camilleri** ippresentat fit-18 ta' Settembru 2014.

Sema ix-xhieda ta' **Anthony Farrugia** moghtija fl-24 ta' Settembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Sema il-kontro ezami ta' Anthony Farrugia moghtija fit 13 ta' Mejju 2015.

Sema il-kontro ezami ta' Alfio Camilleri u Joseph Farrugia moghtija fl 10 ta' Gunju 2015.

Ra illi fil-11 ta' Novembru 2015 il-partijiet qablu illi ma kellhomx aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijet finali.

Ra is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppresentati fl-20 ta' Jannar 2016.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ppresentati fit 2 ta' Marzu 2016.

Ra illi fit-2 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2016.

Ra illi fis 27 ta' April 2016, il-Bord issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u appunta lill-Membri Teknici Edgar Rossignaud u Anthony Mifsud sabiex jassistuh fuq il-punti teknici illi kien hemm mehtiega in vista tat-talbiet ta' l-intimat.

Ra illi fit 23 ta' Gunju 2016 il-Membri Teknici ppresentaw ir-rapport taghhom.

Ra illi fis-26 ta' Ottubru 2016 il-partijiet qablu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti huma sidien ta' bicca art kbira, illi tinkludi wkoll l-art meritu tal-kawza oderjna.

Jirrizulta illi fil-parti tal-art illi tinstab fil-pussess tar-rikorrenti, illi ma tinkludix dik meritu tal-kawza odjerna izda illi tinstab adjacenti ghall-art meritu tal-kawza odjerna, r-rikorrenti ghandhom operazzjoni kummercjali fejn ikkonvertew l-ghelieqi f'barriera u qed joperaw barriera tal-gebel, bir-riperkussjonijet kollha illi dina tikkawza fl-akwati.

Jirrizulta mhux kkontestat mir-rikorrenti illi meta huma akkwistaw l-art li tinkludi wkoll l-art meritu tal-kawza odjerna, l-intimati kienu gia qed jokkupaw l-art meritu tal-kawza odjerna b'titolu ta' qbiela.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti gia ttentaw procedure ohra kontra l-intimati, u wara talba illi saret fis-sena 1994 da' parte tar-rikorrenti ghar-ripreza ta' parti mill-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, fost affarjiet, ghal skopijiet agrikoli, tali talba giet respinta mill-Bord, diversament ippresjedut, f'Novembru 2000, stante illi ma setax jintalab ir-ripreza biss ta' parti mill-ghalqa imqabbla lill-intimati.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti illi, f'mument minnhom, f'April 2003, Joseph Camilleri, wiehed mir-rikorrenti, dahal fl-ghalqa u ghamel hsara fil-wicc tar-raba ta' l-intimati billi harbat il-wicc tar-raba kif ukoll qata' l-patata minn gewwa l-ghalqa, ghal liema fatt r-rikorrent Camilleri instab hati mill-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Kriminali, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2003.

Jirrizulta illi f'Settembru 2006 r-rikorrenti hadu pussess illegalment minn parti mill-ghalqa ta' l-intimati u, permezz ta' sentenza datata 12 ta' Mejju 2009 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 2010, gie dikjarat illi l-istess rikorrenti kkommetew spoll fil-konfront tar-rikorrenti u gew ordnati sabiex jirreintegraw il-pussess tal-parti tal-ghalqa illi hadu minghand l-intimati fi zmien xaghrejn tad-decizjoni ahharija.

Jirrizulta illi, fis-7 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni sabiex jirripendu lura l-pussess tal-ghalqa illi tinstab fil-pussess ta' l-intimati, taht il-pretest illi l-intimati kienu naqqsu milli jiehdu hsieb l-ghalqa u kkagunaw hsarat fl-istess ghalqa, deliberatament jew bi traskuragni, anke f'sigar tal-frott.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qieghdin jikkontendu illi l-intimati qacctu sigra tal-bajtar tax-xewk u sigra ta' frott irqiq illi kien hemm fl-ghalqa kif ukoll iddepositaw terrapien f'parti mill-ghalqa.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimati jikkontendu li s-sigra tal-bajtar kienet qed tmut bl-eta' u ghalhekk nehhewha filwaqt illi s-sigra tal-frott irqiq kienet tnehhiet sabiex ikunu jistghu jghaddu bl-ingenji tal-hart minn ghalqa ghal ohra.

Jirrizulta wkoll illi l-intimati jikkontendu li huwa jizirghu hxejjex varji fl-ghalqa izda, recentement, sabiex iserrhu l-ghalqa, kienu qed jizirghu l-qamh. (fol 53)

Jirrizulta, mir-rapport tal-Membri Teknici mqabbad mill-Bord biex jassistih, illi huma setghu jikkonstataw illi "*r-raba kollu huwa effettwat negattivament bit-trabijiet tal-barriera li hemm taht ir-rih, u li hi ta' l-istess rikorrenti*".

Jirrizulta wkoll, mill-istess rapport, illi meta huma accedew fuq il-post, ir-raba' kien kollu mizrugh bil-qamh, liema qamh, izda, minhabba fin-nuqqas ta' xita, ma kienx kiber u ghalhekk ma kienx inhasad.

Jirrizulta wkoll, mill-istess rapport, illi fl-eghlieqi kien jidher illi kien hemm varji kultivazzjoni, fosthom dwieli fl-ghalqa t'isfel, bajtar tax-xewk u tin fl-ghalqa tan-nofs u nucipriska fl-ghalqa ta' fuq – u dan apparti il-qamh illi kien hemm fl-eghlieqi kollha.

Jirrizulta, finalment, skond ir-rapport tal-Membri Teknici, illi "*ghalkemm hemm selha fis-sejjiegh (u li l-intimati qalu li twaqqa min terzi), il-hitan tas-sejjiegh u tal-kantun huma generalment fi stat accettabbli.*"

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti quddiem dana il-Bord, hareg car illi l-intimati jaghmlu uzu mir-raba illi huma wirtu mill-antenati taghhom ghal skopijiet agrikoli filwaqt illi r-rikorrenti ghamlu uzu mir-raba propjeta taghhom u fil-pussess taghhom illi tinstab adjacenti ghal dik fil-pussess tal-intimati mhux ghal skopijiet agrikoli izda ghal skopijijet industrijali billi nehhew il-hamrija kollha illi kien hemm u bdew iqattghu l-blat u ghamlu barriera tal-gebel, fejn qed jaghtqu l-gebel ghal-bejgh.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm l-intimati qed jaghmlu uzu agrikolu tal-art fil-pussess taghhom, is-sitwazzjoni ikkawzata unikament mill-agir tar-rikorrenti qieghda "*jaghmilha aktar difficili biex l-intimat jzommu fi stat tajjeb dawn l-gheqlieqi*", kif irrilevaw l-Membri Teknici ta' dana il-Bord.

Jirrizulta, finalment, illi mhux talli naqqsu milli jzommu fi stat tajjeb l-ghalqa u l-hitan taghha, izda talli l-intimati, minkejja illi kienu rinfaccjati b'attentati ta' tehid ta' l-art kif ukoll ta' hsarat ikkawzati fuq l-istess art, lkoll da' parte tar-rikorrenti, liema attentati lkoll gew kastigati mill-Qrati taghna, huma baqghu jippersistu u jaghmlu uzu mill-art ghal skopijiet agrikoli u, minkejja l-

elementi xejn felici kkawzati mit-trab prodott mill-barriera tar-rikorrenti, ghadhom qed jaghmlu uzu ta' tali art ghal skopijiet agrikoli.

Ghalhekk it-talbiet attrici ma jirrizultaw b'ebda mod ippruvati.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra x-xhieda prodotta quddiemu u wara illi ra ir-rapport tal-Membri Teknici minnu mqabbda,

Jghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Jilqa**' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u

**Jichad** it-talbiet attrici

Spejjez tal-proceduri kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**